

# 40 Anniversarju tal-Qniepen Tal-Knisja

**informazzjoni miġbura minn Alex Caruana**

Din is-sena ukoll qed infakkru anniversarju ieħor importanti. Ġojjell ieħor li ħallilna l-kappillan tant ħabrieki Dun Ġużepp Minuti. Kien fis-sena 1969 li dan il-kappillan kien ordna sett ta'ħames qniepen ġodda għand id-ditta Olandiża *Petit & Fritsen*.

Dawn il-qniepen kienu qamu is-somma ta' Đ5000 u ġew imsemmija hekk -

Il-kbira San Pietru, il-fustanija Maria Dolores, it-tielet San Ġużepp, ir-raba' San Pawl u l-ħames Santa Katerina. Ta'min jgħid li San Pawl kienet tħallset mis-Sur Rokku Polidano filwaqt li Santa Katerina mis-Sur Carmelo Abdilla. It-tlieta l-kbar kienu tħallsu mill-poplu ta' Birżebbuġa. F'ċerimonja li kienet saret fuq iz-zuntier tal-Knisja fid-19 ta' Lulju,1969 l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien bierek dawn il-qniepen li wara kienu ttellgħu fil-kampnar mis-Sur Pawlu Camilleri u l-ħaddiema tiegħu.

Il-qniepen jiżnu:

| | |
|---|---|
| San Pietru | 2260kg b'nota C1 |
| Maria Dolores | 1115kg b'nota E1 |
| San Ġużepp | 675kg b'nota G1 |
| San Pawl | 480kg b'nota A1 |
| Santa Katerina | 280kg b'nota C2. |

Dawn kienu ġew ikkastjati mill-*owner* tal-kumpanija ta' dak iż-żmien is-Sur Hein Fritsen li anke' kien ġie Malta meta ġew imbierka u mtella' fl-1959.



It-tifel tiegħu is-Sur Frank Fritsen li llum qed imexxi dil-kumpanija jgħid li jiftakar li missieru jsemmi l-fatt meta il-kappillan Minuti kienu mar għandu bi *suit case* mimlija flus li kien ġabar mingħand il-poplu tal-parroċċa ta' Birżebbuġa biex iħallas il-qniepen .Huwa l-ikbar sett ta' qniepen li din il-kumpanija ħadmet għall-gżejjer Maltin, fil-fatt kienet ħadmet qniepen iżgħar għall-Gżira fl-1966, għall-Franġiskani l-Ħamrun ukoll fl-1969, Raħal Ġdid bejn 1966-67 u Għajnsielem, Għawdex fl-1965. Din id-ditta hija famuża ħafna għas-settijiet taċ-*chimes* (sett ta'qniepen żgħar) li fost l-oħrajn idoqqu melodiji bħal Ave Maria, Christus Vincis etċ L-ikbar qanpiena li kkastjaw tiżen 10,000kg b'nota Dis0 li tinstab il-Korea t'isfel. Nies li jifhmu fil-qniepen madwar id-dinja jiddikkjaraw li l-ħoss tal-qniepen ta'din il-kumpanija huwa l-isbaħ u l-iżjed fin fost il-qniepen kollha li jeżistu fid-dinja. Huwa għalhekk għaliex għandna nkunu kburin u nibżgħu għalihom - kif fil-fatt għamilna dis-sena meta sar manutenzjoni fuqhom minn Alex Caruana, Peter Caruana, Joe Aqulina u xi voluntiera oħrajn .



